# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 11**

**Rikors numru 10/2014/2 JVC**

**Nicholas Formosa**

**v.**

**Rita Azzopardi u r-Reverendu Monsinjur Dun Ġużepp Azzopardi; u b'digriet tat-13 ta' Frar 2015 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Rita Azzopardi stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża; u b'digriet tas-16 ta' Awwissu 2019 l-atti ġew trasfużi f'isem Verina Spiteri, Josephine Spiteri, Michael Azzopardi, Mario Azzopardi, Rita Azzopardi, Miriam mart Joseph Grima, Joseph Formosa, Nicholas Formosa, Victor Formosa, Gregory Formosa, Manuel Formosa, Nicholette Formosa, Saverio sive Rino Formosa, Rita Gauci, Carmen Gauci, Vitorina Gauci, Agnes Gauci, Antoinette armla ta' Salvu Galea, Gregory Gauci, Marie Louise Rapa u Paul Gauci, ilkoll bħala werrieta nominati minn Rita Azzopardi li mietet fil-mori ta' dawn il-proċeduri.**

## PRELIMINARI:

1. L-attur Nicholas Formosa fetaħ din il-kawża kontra z-zijiet materni tiegħu (Rita Azzopardi u l-Monsinjur Dun Ġużepp Azzopardi) għall-ħlas ta' kumpens għas-serviġi, kuri u assistenzi allegatament reżi minnu lilhom.

2. Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-sentenza tagħha tat-22 ta' Settembru 2016 laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, u laqgħet ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha stante li rriżultalha li għas-serviġi, kuri u assistenzi reżi minnu huwa ġie debitament imħallas. Għalhekk ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

3. L-attur ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk fl-10 ta' Ottubru 2016 intavola l-appell odjern fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata fl-interita` tagħha u minflok tilqa' t-talbiet tiegħu, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti appellati.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell, din il-Qorti sejra tirriproduċi s-sentenza appellata:

> "Il-Qorti;
>
> Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur eppremetta:-
>
> 1. Illi l-intimati Rita Azzopardi u r-Reverendu Monsinjur Dun Guzepp Azzopardi jigu z-zijiet materni tar-rikorrent Nicholas Formosa u huma

mdahhlin sew fl-eta'. L-intimat Dun Guzepp Azzopardi huwa wkoll bed-ridden u jiddependi ghal kollox ghall-bzonnijiet tieghu fuq haddiehor;

2. Illi l-esponenti Nicholas Formosa ghamel zmien konsiderevoli jippresta servigi, kuri u assistenzi lill-intimati fil-bzonnijiet kollha taghhom, b'mod partikolari lill-intimat Dun Guzepp Azzopardi;

3. Illi dan ix-xoghol kollu kien isir mill-esponenti bl-intenzjoni li huwa jinghata kumpens xieraq ghax-xoghol li huwa kien qieghed jaghmel fl-interess tal-istess intimati;

4. Illi tul iz-zmien kollu li l-esponent Nicholas Formosa ilu jippresta tali servigi lill-intimati, l-intimati dejjem irrikonoxxew l-entita' ta' dawn is-servigi. Di fatti ghalkemm l-esponenti gieli rcieva xi ammonti zghar ta' flus mill-intimati, huwa mhux biss inghata x'jifhem izda effettivament gie mwieghed mill-intimati li eventwalment kien sejjer jinghata kumpens xieraq u adegwat ghax-xoghol li kien qieghed jigi mwettaq minnu. Ghalkemm l-esponenti kompla ghaddej bix-xoghol tieghu u minkejja tali weghdi da parti tal-intimati, tali kumpens pero' baqa' qatt ma inghata;

5. Illi l-esponenti jixtieq li huwa jithallas tas-servigi li huwa ppresta lill-intimati;

6. Illi minkejja li l-intimati gew interpellati sabiex bonarjament jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta' dawn is-servigi permezz ta' ittra ufficjali numru 551/2013 datata disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru 2013, huma baqghu nadempjenti. Anzi wara l-ispedizzjoni ta' din l-ittra u kuntrarjament ghall-weghdi li huma kienu ghamlu precedentement lill-esponenti, l-intimati biddlu l-verzjoni taghhom u bdew jargumentaw li m'hu dovut l-ebda kumpens lill-esponenti;

7. Illi per konsegwenza kellha ssir din il-kawza;

Talbu lil dina l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara illi r-rikorrenti Nicholas Formosa irrenda servigi, kuri u assistenzi lill- intimati li ghalihom jisthoqqlu kumpens;

(2) Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti Nicholas Formosa ghas-servigi kuri u assistenzi rezi minnu lill-intimati;

(3) Tikkundannahom sabiex ihallsu lir-rikorrenti dan il-kumpens hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 551/2013 datata 29 ta' Ottubru 2013 kontra l-intimati u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huma msejha.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kap. 12 il-konvenuti qeghdin jikkontestaw il-premessi u fatti kollha dikjarati fir-Rikors Guramentat;

2. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fid-dritt u fil-fatt;

3. Illi fir-rigward tal-konvenuta Rita Azzopardi jigi eccepiet illi ma huwiex minnu li gew rezi xi servigi mill-attur fil-konfront taghha stante li ghalkemm ghandha eta' avvanzata hija ghadha taghmel kollox hi;

4. Illi wkoll fir-rigward tal-konvenuta Rita Azzopardi l-unika servigi li huwa rrenda kien illi fi ftit okkazjonijiet huwa wassalha l-isptar ghal xi visti, izda kull darba li ghamel dan il-konvenuta Rita Azzopardi halsitu minnufih billi taghtu ghaxar Ewro (€10) kull darba;

5. Illi fir-rigward tar-Reverendu Dun Guzepp Azzopardi jigi eccepiet illi ghalkemm huwa minnu li prezentament huwa bed-ridden, jigi rrilevat ilu hekk sa minn April tas-sena elfejn u tlettax (2013) u cioe' mhux ghal "zmien konsiderevoli" kif allegat mill-attur;

6. Illi fil-fatt lil Dun Guzepp Azzopardi tiehu hsiebu ohtu l-konvenuta Rita Azzopardi stess u s-servigi li kien jipprestalu l-attur kienu sempliciment ghal nofs siegha filghodu u nofs siegha ohra filghaxija, ghal liema servigi l-attur diga gie kkumpensat iktar milli b'mod gust mill-konvenuti;

7. Illi fil-fatt minhabba l-ghaxar Ewro (€10) li l-konvenuti kienu jhallsu lill-attur kull darba li jmur igib il-hrieqi u l-ghaxar Ewro (€10) kull wiehed (jigifieri €20) kull darba li kien igib il-medicini, ftit gimghat qabel ma l-attur baghat l-ittra ufficjali tieghu bin-numru 551/2013, il-konvenuta kienet taghtu elf Ewro (€1000) bhala hlas ta' dak kollu li kien ghamel ma' Dun Guzepp Azzopardi;

8. Illi fil-fatt ma huwa dovut xejn lill-attur peress illi ta' dak li ghamel dejjem thallas minnufih u thallas iktar milli kien xieraq u barra mill-pagamenti li sarulu mill-konvenuti, dawk tal-ahhar tawh ukoll karozza li l-attur kien u ghadu jaghmel uzu minnha b'mod liberu u li llum giet ittrasferita fuq ismu;

9. Illi l-pretensjonijiet li qed jivvanta l-attur f'dan ir-Rikors Guramentat ma huma xejn ghajr pretensjonijiet esagerati li qed isiru sabiex jabbuza mill-bouna volonta tal-konvenuti. Fil-fatt fl-ahhar jiem li kien imur ghand il-konvenuti, l-attur l-ewwel talabhom id-deheb taghhom, imbaghad bicca raba' u mbagħad bicca art retrostanti d-dar ta' residenza tal-konvenuti, u meta ma accettawx li ssir donazzjoni ta' din

l-art, l-attur ma marx iktar ghandhom;

Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Ottubru, 2015 il-konvenuta talbet u giet awtorizzata tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tat-talbiet attrici ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u cioe' l-perjodu ta' hames (5) snin.

Rat ix-xhieda, dokumenti u provi kollha esebiti;

Rat illi fil-verbal tad-9 ta' Marzu, 2016 il-kawza giet differita ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' servigi li l-attur, li xoghlu huwa dak ta' 'nurse' jsostni li huwa ppresta tul numru ta' snin lill-konvenuta Rita Azzopardi u lil huha r-Reverendu l-Monsinjur Dun Guzepp Azzoppardi it-tnejn ta' eta' avanzata sew. Il-konvenuti jigu z-zijiet materni tal-attur. Il-konvenut gie nieqes fil-mori tal-proceduri u cioe' fis-26 ta' Gunju, 2014 fl-eta' ta' 88 sena u l-atti gew trasfuzi f'isem ohtu Rita Azzopardi cioe' l-konvenuta li llum iggib mad-90 sena. Da parti taghha Rita Azzopardi ssostni li l-attur qatt ma ppresta servigi lilha ghajr li kien jigbor il-pirmli ghaliha u johodhomlha d-dar u li ta' dan kienet thallsu u li wassalha ghall-appuntamenti medici u li ta' dawn kienet thallsu. Ta' kull servizz li kien jaghti bhal per ezempju tilqim, tehid ta' pressjoni jew zokkor il-konvenuta ssostni li kien jithallas. Tichad li pprestalha xi tip ta' servigi ohra. Fir-rigward tal-konvenut illum mejjet il-Monsinjur Guzeppi Azzopardi gie eccepiet li ghalkemm huwa minnu li l-attur ippresta servigi, gie sostnut li huwa thallas ta' dawn is-servigi u li allura ma hemm xejn dovut.

Illi bhala fatti mill-atti jirrizulta li presso o poco dwar x'sehh tul is-snin hemm qbil bejn il-partijiet u dan meta wiehed iqabbel l-affidavit tal-attur Nicholas Formosa (fol. 274), l-affidavit ulterjuri (fol . 476) u d-diversi kontro ezamijiet li sarulu (fol. 374 u 477) mal-affidavit tal-attrici ***[<u>recte</u>: konvenuta]*** (fol. 100) u x-xhieda u kontro-ezamijiet taghha (fol. 29 u fol. 320). Li ma hemmx ftehim fuqu huma principalment l-intenzjonijiet tal-partijiet wara l-azzjonijiet rispettivi taghhom u huwa wkoll dubjuz it-tul ta' zmien tas-servigi rezi principalment lill-konvenut.

Illi mill-atti l-Qorti (minghajr ma qed tipprova ddahhal il-provi kollha f'din id-decizjoni stante li huma pjuttost voluminuzi) tislet il-fatti

segwenti:

1. Ili l-konvenuti originarjament kienu bosta ahwa u lkoll kienu jirrisjedu flimkien (dawk mhux mizzewgin) fl-istess dar u li fl-ahhar ghaxar snin kienu biddlu d-dar ghal dar ohra fl-istess triq f'Kercem ghaliex kienet akbar u b'anqas turgien allura kienet ta' anqas tbatija ghall-ahwa li lkoll kienu ta' eta' kbira;

2. Illi mhux kontestat li l-attur, li jigi t-tifel ta' oht il-konvenuti, spiss kien jippresta kuri u assistenza lil huthom qabel dawn mietu tant li l-partijiet jaqblu li kien isir anki xi hlas ghal dak li kien jaghmel l-attur. Kien jitqabbad l-attur principalment ghar-raguni li huwa 'nurse' allura seta' jippresta certu kuri li forsi persuna mhux kwalifikata ma tkunx tista' taghti jew jaghti dawn il-kuri b'aktar efficjenza u heffa. Fil-fatt dwar wahda mill-ahwa li mietet bl-isem ta' Zarena li mietet fis-sena 2001 hemm qbil li l-attur kien jithallas hames liri ta' kull darba li kien imur idewwiha. L-attur fl-affidavit tieghu anzi jsostni li huwa dejjem b'xi mod thallas tas-servigi li kien jaghti lil hut l-atturi;

3. L-attur isostni li huwa beda jippresta servigi fil-konfront tal-konvenuta Rita Azzopardi Iura sa mis-sena 2007 meta din waqghet ghall-ewwel darba. Il-konvenuta izda tichad dan b'mod kategoriku u tghid li kull darba li waqghet hija dejjem kellha l-assistenza ta' Miriam Grima li kienet torqod ghandhom. Mill-atti jirrizulta li din Miriam Grima trabbiet mal-konvenuti u huthom, telqet mid-dar tal-konvenuti meta zzewget izda baqghet trendilhom assistenza u li malli giet ghall-eta' tal-pensjoni jew ftit qabel regghet marret tghix maghhom stante li t-tfal kienu kibru u l-konvenuti talbuha l-ghajnuna. Ilha f'din is-sitwazzjoni mill-anqas ghal dawn l-ahhar seba' snin. M'hemmx kontestazzjoni li hija din Miriam Grima u r-ragel taghha Joseph Grima li jipprovdu servigi ta' tindif, ikel, hasil ta' hwejjeg u sostenn iehor billi jorqdu mal-konvenuti (llum mal-konvenuta biss) fid-dar taghhom. Minn dak li rat mill-atti l-Qorti mihijiex konvinta li l-attur kien jippresta xi servigi lill-konvenuta, oltre dawk li kienet thallsu ghalihom, anki meta din wegghet ghaliex hija kienet irkuprat sew u fil-ftit zmien li kellha bzonn l-ghajnuna kienet Miriam Grima li tathiela mhux l-attur. Dwar il-fatt ammess li l-attur kien jigbor il-pirmli tal-konvenuta, xi ftit drabi wassalha ghall-vista u darba qatalha l-punti din il-qorti temmen il-verzjoni tal-attrici ***[<u>recte</u>: konvenuta]*** (u ma jidhirx lanqas li huwa kontestat mill-attur) illi hija dejjem hallset €10 ghal kull darba li gabar il-pirmli, €10 ghall-visti f'Ghawdex u €20 ghal meta kellha vista Malta. L-attur da parti tieghu jinsisti izda li meta nizlu Malta kien hu li hallas il-passagg fuq il-vapur ghall-karozza u s-sewwieq. Apparti dawn l-ispejjez ta' darba ma jirrizultax li l-attur qatt hareg xi spejjez ohra ghall-konvenuti li ma rkuprax minghandhom bhal per ezempju meta ordna sodda jew oggetti ohra ta' bzonn ghaz-zewg konvenuti tant li hu stess jammetti li thallas. Il-konvenuta tinsisti wkoll li meta l-attur kien jiehu l-pressjoni taghha u tal-konvenut l-iehor jew iz-zokkor (bil-magna taghhom stess) u li fi kliem l-istess attur fil-kontro-ezami ma hi xejn

ghal dak li huwa xoghol, hija wkoll kienet thallsu;

4. Illi ghal dak li huma pirmli tal-konvenut Monsinjur Azzopardi l-attur ukoll ma jikkontestax fl-affidavit tieghu l-fatt li kien jithallas €10 kull darba li jigborhom. Jirrizulta li sahansitra jekk jigbor taz-zewg konvenuti f’daqqa xorta kien jippretendi €10 kull wiehed u cioe’ €20. Il-Qorti tinnota li dawn il-medicini kienu jingabru mill-Isptar t’Ghawdex fejn fil-fatt l-attur jahdem ghalhekk ma kienx xi strapazz kbir ghalih li jigborhom;

5. Illi hija l-istess Miriam Grima (oht l-attur) li tikkonferma li l-kura u assistenza **medika** neccessarja fid-dar tal-konvenuti dejjem ta’ l-attur ghaliex dak huwa xoghlu ghajr ghal meta kien jingieb it-tabib. Fil-fatt jirrizulta li tul iz-zmien li l-konvenut Monsinjur Giuseppe Azzopardi dam ma jistax iqum mis-sodda, l-attur kien imur kuljum filghodu u filghaxija biex jahsel u jbiddel lill-istess Monsinjur, jaqla’ l-lozor u jdewwi xi ‘bed soars’ ***[recte: bed sores]*** li seta’ kellu l-konvenut. Xoghol Miriam Grima f’dawn ic-cirkostanzi kien li filghodu tipprepara l-mishun biex l-attur isibu lest u wara tahsel il-lozor li jkunu tnehhew;

6. Ghal dak li huwa ghoti u tehid ta’ pirmli mill-konvenut ta’ kuljum hija l-konvenuta stess li taqbel li originarjament kienet tippreparhom hi u kienet anki hadet hsieb li jkun hemm kontenituri apposta sabiex dawn jitqassmu skont jekk hux filghodu, f’nofinshar jew filghaxija izda mbaghad kien hemm zmien fejn hija qalet lill-attur jiehu hsieb iqassamhom hu fil-kontenituri la xorta kien imur darbtejn kuljum;

7. Dwar l-assistenza ta’ kuljum li kien jaghti l-attur lill-konvenut, li ma hemmx qbil bejn il-partijiet hija t-tul ta’ din l-assistenza tul iz-zmien u wkoll kemm kien fil-fatt kien idum bhala hin f’kull vista li kien jaghmel l-istess attur. Mill-atti izda rrizulta li l-attur kien imur zgur ftit qabel jibda xoghol fis-7.00a.m. u minn dak li rat mill-atti l-Qorti ma tqisx li l-attur kien idum aktar minn nofsiegha filghodu u fil-ghaxija l-attur kien imur wara li jkun irritorna lura d-dar u kiel u hafna drabi kienu imur l-ahhar haga fil-gurnata lejn it-8.30p.m. Dan jirrizulta minn diversi xhieda izda b’mod partikolari mix-xhieda ta’ martu Anna Formosa (fol. 108 u fol. 466). Mill-atti jirrizulta wkoll li l-kuri ta’ filghaxija zgur ma kienux jiehdu aktar min-nofsiegha ghalkemm il-Qorti ma tistax teskludi li l-attur kien idum naqra aktar ghaliex kien joqghod ipacpac b’mod partikolari mal-Monsinjur;

8. Illi dwar iz-zmien meta effettivament l-attur beda jattendi kuljum fid-dar tal-konvenuti sabiex irendi l-assistenza lill-konvenut il-provi kollha jimmilitaw favur it-tezi li dan beda jsir mill-gurnata li l-Monsinjur konvenut spicca ma jistax johrog mis-sodda. Irrizulta li dan kien madwar Marzu, April tas-sena 2013. L-istess tobba kuranti li xehdu fl-atti kif ukoll ir-rapprezentanti tal-Isptar Generali t’Ghawdex jikkonfermaw mill-‘file’ relattiv tal-Isptar li kien f’dan il-mument li l-Monsinjur ma baqax ambulanti lanqas fid-dar. L-attur isostni li l-kura

kontinwa bdiet fil-mument li l-Monsinjur ma baqax jitla' l-Katidral iqaddes izda lanqas jaqbel mal-konvenuti meta dan sehh tant li jmur lura ghas-sena 2007. Il-konvenuta tichad dan u pprovdiet il-ktieb tal-quddies tal-Monsinjur a fol. 368 li jevdienzja li sa Marzu, 2009 l-Monsinjur kien ghadu jitla' l-Katidral iqaddes. Wara Marzu, 2009 huwa beda jqaddes id-dar (u dan apparti t-tieni ktieb tal-quddies esebit jikkonfermah ukoll it-tabib kuranti Dr. Joseph Farrugia li jixhed li kien jara l-artal fil-kamra tas-sodda) u baqa' jaghmel hekk sat-8 ta' April, 2013 minn fejn jirrizulta li minn dak in-nhar intefa' fis-sodda u ma setax lanqas jinzel biex iqaddes. Mill-atti rrrizulta li madwar sitt xhur, seba' xhur wara li l-konvenut spicca fis-sodda u allura bi bzonn kontinwu li jigi mahsul, jinbidlulu 'nappies' ecc. l-attur kellu xi jghid mal-konvenut u minn rajh waqqaf hesrem dak kollu li huwa kien jaghmel maghhom u ma marx aktar lejn id-dar taghhom;

9. Illi l-partijiet jaqblu bejniethom li apparti l-flejjes imsemmija aktar 'il fuq, il-konvenuta kienet taghti €10 ohra lill-attur fi frekwenza ta' madwar darba fil-gimgha, fi kliem il-konvenuta kull nhar ta' Gimgha u dan tul iz-zmien kollu li l-attur ippresta servigi lill-Monsinjur Azzopardi b'mod partikolari rrilevantament meta dan fil-fatt beda jsir u cioe' jekk hux fis-sena 2007, 2009 jew meta spicca 'bed-ridden'. Mill-atti l-Qorti tqis li l-probabbilta' hu li dawn il-pagamenti ta' kull gimgha bdew isiru fis-sena 2009 u cioe' mill-perjodu meta gie ppruvat permezz tal-ktieb tal-quddies li l-Monsinjur ma baqax fil-kundizzjoni li jitla' l-Katidral. Jirrizulta wkoll mill-atti li l-ahhar zewg pagamenti li saru lill-attur li kienu lejn Settembru tas-sena 2013 kienu ta' €20 fil-gimgha;

10. Illi apparti dak suespost, jirrizulta li l-attur kien ikun involut f'certu okkazzjonijiet sabiex jibghat ghat-tabib meta jkun hemm bzonn u fil-hin ta' xoghlu kien ikellem it-tobba kuranti b'mod partikolari tal-konvenut u jiehu hsieb li jimtlew xi karti medici tal-konvenuti hafna drabi fil-hin li huwa jkun xoghol ghaliex jiltaqa' mat-tobba in kwistjoni. Il-konvenuta ma taqbilx li min kien jibghat ghat-tobba d-dar kien jaghmlu unikament hu izda tghid li spiss kienet tibghat ghat-tabib hi. It-tabib kuranti izda li xehed fl-atti u kkonferma li l-attur kien involut sew sabiex jiehu hsieb u jibghat ghat-tobba ghal dak li jirrigwarda l-konvenuti b'mod partikolari l-konvenut Monsinjur Azzopardi;

11. Da parti tieghu l-attur isostni li l-konvenuta kienet qaltlu sa mill-bidu li talli jgib il-pirmli taghhom hija kienet ser thalli legat ta' Lm10,000 fit-testment taghha. Da parti taghha l-konvenuta tammetti fl-affidavit taghha (fol. 18) li huwa minnu li hija kienet ipprovdiet ghal tali legat mhux biss ghall-pirmli izda wkoll tal-kuri rezi b'mod partikolari lil huwa izda ma tikkonfermax li hija kienet infurmat b'dan lill-attur.

12. Jirrizulta mill-atti li gie zmien lejn Settembru, 2013 (certament zgur qabel il-prezentata tal-ittra ufficcjali f'Ottubru, 2013 u ghalhekk zgur mhux fi zmien il-Milied kif isostni l-attur fix-xhieda tieghu) u cioe' ftit xhur qabel il-mewt tal-Monsinjur f'Gunju 2014, fejn il-konvenuta minn

rghajja u bi qbil mal-konvenut l-iehor ghaddiet is-somma ta' €1000 lill-attur, skont hi bhala rigal ghaliex kienet thobbu stante li neputi taghha, liema somma l-attur accettaha minghajr ebda problemi. Wara din l-ghotja izda l-attur isostni li l-konvenuti qabdu diskors mieghu dwar li ma kienux qed jikkompensawh bizzejjed ta' dak li kien qed jaghmel filwaqt li l-konvenuta tghid li huwa minnu li sar certu diskors dwar rigal li huma xtaqu jaghtu lill-attur wara mewthon izda dan qatt ma kien f'sens ta' kumpens ghal dak li kien ghamel maghhom. Jirrizulta mill-atti nkontestat li f'dan il-punt l-attur ippretenda li minn dak iz-zmien 'il quddiem l-ewwel li jinghata munita tad-deheb fix-xahar izda l-konvenuta qaltlu li ma kellhiex, imbaghad ippretenda li jibda jithallas €10 ghal kull darba li jmur jindokra l-Monsinjur cioe' jekk imur darbtejn kuljum allura kellu jithallas €20 kuljum. A fol. 385 tal-process jixhed in kontro-ezami li qabel:

Dak iz-zmien la kelli l-ebda hsieb u lanqas l-ebda pretensjonijiet.

Dan jikkontradixxi ferm dak li l-attur sostna fir-rikors guramentat tieghu li huwa dejjem ta s-servizzi tieghu bi hsieb li jigi kumpensat. Certament jevidenzja li sa dak iz-zmien l-attur jidher li kien kuntent b'dak li kien jithallas u li kien minn dak il-mument li se mai beda jippretendi aktar.

Il-konvenuta jidher li ma accettatx li thallas €10 ta' kull darba li l-attur kien imur ghaliex sostniet li hija ghandha biss il-pensjoni u kompla jsir diskors fis-sens li l-attur, la darba l-konvenuti ma setghux ihallsuh flus, talab li jinghata ghalqa, il-konvenuta pproponiet li tinghata ghalqa barra z-zona ta' zvilupp b'testment izda l-attur ma riedx hekk. L-attur insista li dik l-ghalqa ma tiswa xejn u li kellhom ituh ghalqa li tmiss mad-dar tal-konvenuti fiz-zona ta' zvilupp. Il-konvenuti kienu waslu li jtuh nofsha izda b'testment izda l-attur riedha b'donazzjoni u mhux bit-testment u kien hawnhekk li waqaf hesrem mill-attivita' tieghu mal-konvenuti. Ta' rilevanza f'dan l-istadju huwa li t-tabib kuranti tal-konvenut Dr. Joseph Farrugia (cioe' tabib u mhux 'nurse') xehed li huwa dejjem zamm €15 kull darba li huwa kien jinvista liz-zewg konvenuti anki f'daqqa billi jiccekkjalhom il-pressjoni u zokkor u testijiet simili. L-attur prosegwa sabiex ghamel ittra ufficcjali datata 23 ta' Ottubru, 2013 fejn talab ghall-hlas ta' servigi rezi lill-konvenuti u fetah il-kawza odjerna nhar l-1 ta' Frar, 2014;

13. Jirrizulta wkoll mill-atti li wara li l-attur waqaf minn dak li kien jaghmel fil-konfront tal-konvenut fil-perjodu ta' madwar Settembru, 2013, il-kura b'mod partikolari tal-Monsinjur waqghet kollha fuq oht l-attur Miriam Grima li gia kienet tirrisjedi mal-konvenuti flimkien ukoll mar-ragel taghha Frans Grima;

14. Jirrizulta wkoll li sfortunatament sahhet il-konvenut Monsinjur Azzopardi baqghet sejra lura tant li miet f'Gunju tas-sena 2014.

15. Ghal dak li huma assi tal-konvenuti ma hemmx kontestazzjoni (kif

anki verbalizzat mill-istess konvenuta) li l-assi tal-konvenuti ma kienux zghar u li l-konvenuta mhix qed tinsisti li ma ghandhiex minfejn thallas izda li ma hu dovut xejn.

Fil-qosor dak suespost huma l-aktar punti mportanti li jemanu mill-provi voluminuzi fl-atti li l-Qorti qrat kelma b'kelma.

**L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni:**

Illi l-ewwel eccezzjoni li jehtieg li tigi sorvolata hija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tat-talbiet attrici ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u cioe' l-perjodu ta' hames (5) snin. Il-Qorti taghmel mill-ewwel referenza ghall-ittra ufficjali datata 29 ta' Ottubru, 2013 notifikata lill-konvenuti b'dana li jirrizulta li certament il-pretensjonijiet tal-attur kif imorru lura sa' Ottubru, 2008 huma koperti u mhux preskritti. Ghal dak li huma pretensjonijiet precedenti Ottubru, 2008 din il-Qorti rrizultalha mill-atti li mhux pruvat li l-attur ippresta xi servigi partikolari qabel Ottubru, 2008 lill-konvenuti personalment ghajr ghall-prokura tal-medicini li izda huwa ammess li ta' dan kien jithallas ghalhekk ghalkemm dak il-perjodu huwa manifestament preskritt fil-fatt din ma taffettwax il-pretensjonijiet tal-attur.

L-attur da parti tieghu izda fis-sottomissjonijiet tieghu jinsisti li kien hemm ammissjoni tad-debitu mill-konvenuti fiz-zmien meta kien qed jigi diskuss li huwa kellu jinghata kumpens divers fi flus jew muniti tad-deheb jew konsegwentement kien hemm kliem fuq ghotja ta' raba'. Dan kien madwar Settembru, 2013. Il-Qorti izda ma taqbilx ma' dan anki ghas-semplici fatt li l-attur stess fil-kontro-ezami tieghu a fol. 385 li sa dak iz-zmien huwa ma kellu ebda pretensjoni u ghalhekk aktar u aktar ma jistax ikun li l-konvenuti accettaw id-debitu ta' xi servigi b'lura la darba lanqas l-istess attur ma kellu xi pretensjoni. Il-Qorti wara li gharblet l-atti kollha tqis li l-kliem dwar kumpens li kien qed isir lejn il-perjodu ta' Settembru, 2013 kien qed isir bl-ghan li l-attur ikompli jaghti s-servizzi tieghu 'l quddiem u mhux biex jigi kumpensat b'lura. Tant hu hekk li l-ewwel kliem kien fis-sens li minn dak iz-zmien 'il quddiem jibda jinghata munita tad-deheb fix-xahar u meta dan ma rrizultax talab li jithallas €10 kull vista izda ma kienx hemm kliem fuq dak li ghadda.

Il-Qorti ghar-ragunijiet suespost, tiddeciedi l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni billi tiddikjara li l-pretensjonijiet tal-attur li jmorru oltre u cioe' lura minn Ottubru tas-sena 2008, jekk jigu pruvati, huma preskritti bid-dekors tal-hames snin mid-data tal-ittra ufficcjali u dan ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Bazi Legali ghat-talbiet attrici: Illi ai termini tal-Kodici Civili s-servigi huma kkunsidrati bhala tip ta' kwazi-kuntratt. L-artikolu 1012 tal-Kodici Civili jiddefenixxi l-kwazi-kuntratt bhala:

> *"fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra,*

*jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

Abbazi tal-principju delineat f'dan l-artikolu persuna li tippresta servigi tesigi d-dritt li tigi kumpensata u dan ghar-raguni li hija tkun qed tarreka vantagg lill-persuna li tkun qeghdha tircievi tali servigi. Tul is-snin izda l-Qrati taghna varjaw il-mod kif iharsu lejn is-servigi u l-hlas taghhom.

Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppina Deidun et vs. Emila Poggi et** deciza l-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-6 ta' Ottubru, 1954 inghad kif isegwi:

*'Il-kumpens ghal servigi prestati jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta c-cirkustanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tas-servigi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita' u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment. U fil-gurisprudenza recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, huwa applikabilii l-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita', sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela. Jekk il-provi juru li, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens. Dak li hu importanti li ghandu jigi ezaminat, biex wiehed jara ghandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta gew prestati s-servigi; u cirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joholqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joholqu.'*

F'dan il-kaz kien gie ritenut illi meta gew rezi s-servigi ma kienx hemm hsieb ta' hlas ghalihom u ghalhekk il-Qorti rrigettat it-talba ghal dak il-hlas.

Fil-kawza fl-ismijiet **Ivy Angus vs. Joseph Calleja noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 15 ta' Frar, 1958 inghad kif isegwi:

*'Azzjoni ghall-hlas ta' kumpens ghal servigi rezi, skont il-kunsens unanimi tal-gurisprudenza nostrali; hija bazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimement fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servigi lil haddiehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenokke' ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda hsieb li jkun kompensat, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu "familiaritatis sew pietatis causa"; f'liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama s-servigi jrid ibieghed minnu dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha, sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jintenta. Certament, l-intenzjoni tas-serventi li jithallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta' importanza f'kawzi bhal dawn; kif ukoll mhux ta' min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-ghaliex, tant mill-punto di vista talintenzjoni tar-retribwibbilita', kemm mill-punto di vista tal-mizura talkumpens, dawn il-punti ghandhom importanza. Hekk, per ezempju, fil-kaz li persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b'persuna li taf li hija fqira, il-prezunzjoni li dawk is-servigi saru bil-fehma ta' hlas*

*ma tregix; u mill-banda l-ohra lanqas tista' tigi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f'dak l-istat finanzjarju. Jinghad ukoll li, jekk persuna li tigi servuta tkun ta' fakoltajiet ekonomici ristretti, imma mhux tali li tkun indigenti, huwa prezunt li tisserva b'persuna li tkun kuntenta b'retribuzzjoni moderata, u mhux ga tali li tirrendiha ndigenti.'*

L-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jikkwota d-decizjoni **Zammit vs Saliba deciza fl-1958**:

*"Fil-gurisprudenza anterjuri (ma kienx hemm) il-presunzjoni tan-non gratuwita . . .fejn servigi gew ritenuti gratuwiti familiaris causa. Imma fil-gurisprudenza aktar recenti anki ghar-rigward tal-parenti, gie applikat il-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti pprestati bl-isperanza ta' kumpens, jekk ma jinkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita."*

Skont l-attur ghalhekk jista' jinghad li llum tezisti presunzjoni *juris tantum* li kwalunkwe servigi rezi jkunu qeghdin jigu rezi bl-isperanza ta' kumpens.

Dwar il-kwantifikazzjoni tas-servigi, iz-zewg partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom jikkwotaw gurisprudenza simili fejn dak li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huma l-punti segwenti:

(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna meghjuna;
(ii) il-frekwenza tas-servigi moghtija;
(iii) in-natura tas-servigi maghmula;
(iv) il-kedda u t-tbatija nvoluti biex jinghataw is-servigi li dwarhom jintalab kumpens;
(v) il-grad ta' hila jew specjalizzazzjoni mehtiega biex jinghataw tali servigi;
(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna tkunx ukoll dahlet fi spejjez jew infieq minn butha;
(vii) il-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-prestazzjonijiet;

Ara per ezempju d-decizjoni fl-ismijiet **Tessie Micallef et vs Lawrence Galea et** deciza fit-28 ta' April 2011.

Fl-istess sentenza l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddikjarat kif isegwi:

*"Minn ezami tal-gurisprudenza jirrizulta li fil-maggoranza tas-sentenzi l-kumpens qatt ma jkun f'ammonti kbar u dan peress illi s-servigi kwazi dejjem jinghataw minhabba ragunijiet ta' parentela (vide sentenza **Anthony Catania vs Maria Agius** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11ta' Dicembru 2003(Citaz 1381/1993). Fis-sentenza **Delicata vs Saliba** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju 1989, il-Qorti rriteniet illi s-servigi huma bazati fuq kwazi-kuntratt u mhux fuq kuntratt u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandom jittiehdu inkonsiderazzjoni diversi fatturi ohra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Dan iwassal biex il-kumpens qatt ma jkun ekwivalenti tax-*

*xoghol li sar."*

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius** deciza fil-11 ta' Dicembru 2003 irriteniet kif isegwi:

> *"Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, il-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f'dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "Zammit et vs Farrugia Sacco noe" deciza fit-28 ta' Gunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawza "Buhagiar noe vs Mifsud noe", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 1983, ghaz-zmien meta s-servigi kien ta' natura ordinarja u l-attrici kienet tmur tliet darbiet fil-gimgha ghand id-decuius u taghmlilha l-facendi kollha tad-dar, il-kumpens moghti kien ta' LM1 fil-gimgha, fil-waqt li ghas-snin ta' wara, meta d-decuius kienet ta' sikwit timrad u kienet tmur tghix ghand l-attrici peress li kellha bzonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens moghti kien ta' Lm 3 fil-gimgha."*

Jirrizulta fil-fatt li f'sentenza aktar recenti fl-ismijiet **Francis Mizzi et vs Roseann Galea et**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Mejju, 2016 il-Qorti tal-Appell wara li kkunsidrat li kienu verament gew prestati servigi estensivi minn zewg persuni b'mod kontinwu lill-persuna li kienet ma tistax tohrog mis-sodda dik il-Qorti akkordat fl-opinjoni tal-konvenuta fis-sottomissjonijiet taghha 'b'mod generuz' is-somma ta' €70 kull persuna ghal kull gimgha lill-persuni nvoluti.

Illi applikati l-principji hawn fuq enuncjati ghall-kaz *de quo* jirrizulta lil din il-Qorti dak li jsegwi:

(i) Illi ghalkemm verament jezisti l-element tal-parentela bejn il-partijiet, huwa car li l-konvenuti kienu jibaghtu ghall-attur u mhux ghal haddiehor in vista li huwa 'nurse' kwalifikat tant li huwa kien jippresta servizzi pjuttost relatati ma' l-istess xoghol li huwa kien jaghmel fuq il-post tax-xoghol fid-dar taghhom bhala li jdewwi feriti u jbiddel lill-konvenut bil-mod kif kien mghallem fil-mument li l-konvenut ma kienx f'posizzjoni li johrog mis-sodda. Oltre dan izda kien jigbor il-pirmli u jiehu l-konvenuti ghal xi visti li izda rrizulta li ta dan kien jinghata xi tip ta' hlas kif inghad aktar 'il fuq. Jirrizulta li l-fatt li kien jigbor il-pirmli ma tantx kien johodlu wisq strapazz ghaliex kien jaghmel dan minn fuq il-post tax-xoghol tieghu u kien jithallas aktar milli adegwatament cioe' €10 kull konsenja lil kull konvenut. L-attur kien jiehu hsieb jaghti x' injezzjonijiet tal-influwenza u xi kultant jiccekkja l-pressjoni u z-zokkor servizzi li izda jirrizulta li kien jithallas ghalihom ukoll bis-somma ta' €10. L-attur kien jiehu hsieb ukoll x'inkartamenti u visti tal-konvenuti izda dan ukoll ma jidhirx li kien johodlu wisq strapazz u hin la darba huwa kien jahdem l-isptar;

(ii) Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-aktar mod kif il-konvenut kien jaghti servigi lill-konvenut (u mhux lill-konvenuta) oltre l-pirmli, karti ecc

huwa l-hin li kien iqatta' fid-dar tal-konvenut, filghodu u filghaxija sabiex jahslu, jbiddilu, jdewwieh u jghamillu dak li kien hemm bzonn fic-cirkustanzi. Huwa ta' dan is-servizz li l-Qorti tara l-aktar bazi sabiex l-attur jippretendi servigi li huwa rrenda lill-konvenut il-Monsinjur Azzopardi. Mill-fatti kif esposti aktar 'il fuq jirrizulta li dan l-attur ghamlu zgur ghall-perjodu ta' madwar seba' xhur sa minn meta l-Monsinjur spicca fis-sodda u ma jistax iqum u probabbli ghamlu wkoll mill-mument li l-Monsinjur ma baqax jitla' l-Katidral f'Marzu 2009 u dan sakemm l-istess attur iddecieda li ried jithallas aktar minn dak li kien qed jinghata u la ma kienx hemm ftehim mal-konvenut fil-perjodu ta' madwar Settembru, 2013 waqaf. Illi kien kemm kien twil il-perjodu li l-attur dam irendi tali servizz lill-konvenut Monsinjur Azzopardi jirrizulta li tul dan iz-zmien huwa kien jithallas mill-anqas €10 kull gimgha u kien jithallas €10 meta jaghti xi tip ta servizz iehor bhal li jiehu l-pressjoni, jiccekkja z-zokkor jew jiehu hsieb li jaghmel xi lavattiv. Meta kien iwassal lill-konvenut jew lill-konvenuta ghal xi vista kien ukoll jithallas €10 f'Ghawdex jew €20 jekk Malta ghalkemm f'din tal-ahhar jidher li ma kienx jithallas tal-ispejjez tal-vapur. Tul perjodu twil jidher li l-attur kien kuntent b'dak li kien qed jithallas tant illi sal-perjodu fejn huwa waqaf mis-servizzi li kien jaghti lill-konvenuti huwa bla tlaqliq fl-atti ta' dawn il-proceduri jiddikjara illi sa:

Dak iz-zmien la kelli l-ebda hsieb u lanqas l-ebda pretensjonijiet. (fol. 385)

Dan kien ftit wara li sahansitra l-attur kien ircieva, fi kliem il-konvenuta, rigal ta' €1000 minghand il-konvenuti u cioe' lejn Settembru tas-sena 2013. Jirrizulta li f'dak il-mument ukoll l-attur bl-ebda mod ma kkontesta li dan l-ammont ma kienx bizzejjed ghal dak li kien qed jaghmel ghall-konvenut.

Ghalkemm ai termini tal-gurisprudenza r-rinunzja ghall-hlas ta' servigi ghandha tkun wahda cara, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora tali dikjarazzjoni tal-attur li bl-aktar mod car u skjett quddiem din il-Qorti ddikjara li lejn l-ahhar tas-servizzi tieghu lill-konvenuti huwa ma kellu l-ebda hsieb u l-ebda pretensjonijiet kontra l-konvenuti. Il-Qorti tqis li dan il-kliem tal-attur ma jista' jfisser u jevidenzja xejn aktar hlief li sa dak iz-zmien (cioe' lejn Settembru tas-sena 2013) l-attur kien kuntent b'dak li kien jircievi ghas-servizzi li kien jaghti. Kien biss f'dan il-perjodu li nqala' d-diskors bejn il-partijiet li kellu jibda jithallas aktar u l-ewwel talab munita tad-deheb kull xahar, imbaghad talab €10 kull darba li jmur, imbaghad meta ra li l-konvenuti rrifjutaw minhabba li skont huma kienu jghixu fuq il-pensjoni talab raba' li izda kellha tkun fiz-zona ta' zvilupp u riedha b'donazzjoni. **Dan izda sabiex huwa jkompli jaghti s-servizzi lill-konvenuti u mhux bhala kumpens ghal dak li gia kien ghamel – dan johrog car mill-provi migbura fl-atti u minn kliem l-istess attur hawn fuq ikkwotat**. Jirrizulta izda lill-Qorti li f'dan l-istadju l-partijiet ma qablux ghaliex il-konvenuti nsistew li kellu jithalla legat wara mewthom u mhux donazzjoni.

Rizultat ta' dan l-attur ma accettax u waqqaf hesrem l-ghajnuna li kien jaghti. Dan jevidenzja li mill-mument li l-attur beda jippretendi aktar ghas-servizzi tieghu oltre l-hlas li gia kien jircievi fil-fatt ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet u hu waqqaf is-servizzi. Dan iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li ma hu dovut l-ebda hlas ghal servigi lill-attur stante li ghas-servigi li huwa rrenda jirrizulta car li hu gie debitament imhallas u li sa l-perjodu ta' madwar Settembru tas-sena 2013 huwa kien kuntent bil-hlas li rcieva. Meta ma baqax jikkuntenta l-attur waqqaf is-servizzi li kien qed jaghti b'dana li ma hemm xejn aktar dovut.

Stante li jirrizulta li ghas-servigi li l-attur irrenda lill-konvenuti huwa thallas u kien kuntent b'dak li thallas u stante li jirrizulta li fil-mument li l-attur ma baqax jikkuntenta b'dak li kien qed jithallas huwa waqqaf is-servizzi tieghu allura ma hemm l-ebda servizzi li jonqos jithallsu u ghalhekk li jehtieg li jigu likwidati, ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad it-talbiet attrici.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha u ghar-ragunijiet kollha suesposti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

(i) Fl-ewwel lok tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili u cioe' l-perjodu ta' hames (5) snin unikament ghas-servigi pretizi mill-attur li jibdew minn Ottubru, 2008 u lura minghajr izda pregudizzju ghad-decizjoni fuq il-mertu tat-talbiet attrici;

(ii) Tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u stante li jirrizulta lil din il-Qorti li tas-servigi, kuri u assistenzi rezi lill-konvenuti mill-attur huwa gie debitament mhallas u kien kuntent b'dak li thallas, stante wkoll li ma jirrizultax li l-attur ta servigi, kuri u assistenzi lill-konvenuti li ma thallsux lilu, in vista tal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti suesposti, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tal-attur.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur."

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-attur (10.10.2016):</u>**

5. L-aggravji tal-attur appellant huma s-segwenti:

1) **<u>L-ewwel aggravju - il-preskrizzjoni:</u>**

Fl-ewwel lok isostni li l-pretensjonijiet tiegħu in kwantu jirrigwardaw servizzi reżi liz-zijiet tiegħu qabel Ottubru 2008 ma jistgħux jitqiesu bħala preskritti għaliex kwalunkwe perjodu preskrittiv li seta' għadda kien ġie interrott u/jew rinunzjat bir-rikonoxximent tal-istess intimati appellati li huwa kien ħaqqu l-kumpens għas-servizzi li kien qed jipprestalhom.

2) **<u>It-tieni aggravju - apprezzament ħażin tal-fatti</u>**

Fit-tieni lok jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti riżultanti mill-provi meta qieset li:

(i) kien hemm rinunzja da parti tiegħu sabiex huwa jitħallas tas-serviġi li kien ippresta liz-zijiet tiegħu;

(ii) li huwa rċieva ħlas adegwat u suffiċjenti għas-servizzi mogħtija minnu; u

(iii) li ma kien irrenda l-ebda serviġi fil-konfront ta' Rita Azzopardi

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-konvenuta Rita Azzopardi (28.10.2016):</u>**

6. Il-konvenuta Rita Azzopardi wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u li għalhekk l-appell tal-attur għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrih.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**Is-serviġi reżi mill-attur liz-zijiet tul is-snin, u l-kumpens relattiv:**

7. Qabel ma tgħaddi biex tikkunsidra l-aggravji tal-attur appellant din il-Qorti jidhrilha li jkun opportun li tagħmel referenza għall-affidavit tal-attur[1] fejn jiddiskrivi b'dettall konsiderevoli s-servizzi li huwa rrenda liz-zijiet tiegħu tul is-snin u wkoll il-mod kif jgħid li kien ġie kkumpensat (skont hu inadegwatament). Huwa jirrakkonta is-segwenti:

- Fl-2005 iz-zija Rita waqgħet it-taraġ taz-zuntier u qasmet moħħha u kellha bżonn iktar minn 12-il punt. Qal li kien qatagħlha l-punti hu biex jevitalha li tmur l-isptar.

- Fl-2006 z-ziju tiegħu r-Rev. Mons. Giuseppe Azzopardi beda jbati minn dipressjoni u kien akkumpanjah għand il-psikjatra, li ppreskrivielu mediċini li baqa' jieħu kważi tul ħajtu. Kien josservah attentament biex jara kellux sintomi li setgħu jindikaw

[1] Dok NF fol 274 et seq

li seta' jikkontempla li jagħmel ħsara lilu nnifsu. Meta kien jidhirlu li hu l-każ, kien anke jitlob it-tobba jmorru jinvistawh.

- Qal li z-ziju kien żviluppa kundizzjoni tal-ġilda magħrufa bħala *psoriasis* fejn il-ġilda tiħmar u timtela' qxur. Qal li z-zija stess kienet titqażżeż tmiss mal-ġilda tiegħu. Qal li xi drabi kien jagħmillu l-ingwent hu u xi drabi kien jagħmlu z-ziju stess iżda ġieli ma kienx jagħmlu tajjeb u għamillu d-deni u anke żviluppa ferita fil-warrani tiegħu li mbagħad kellu jimmedikahielu hu.

- Kien imur miegħu l-isptar biex jakkompanjah il-*psychiatric outpatients,* id-*diabetic outpatients,* l-*outpatients* tal-ġilda; spjega li peress li s-saħħa f'saqajh bdiet sejra lura kien iġiblu siggu tar-roti u anke jirranġa biex ma jdumx wisq jistenna fil-*queue.*

- **Qal li kien jippretendi li jiġi kkumpensat għax-xogħol u skariġġ tiegħu.**

- Fl-2007 iz-zija waqgħet it-taraġ tad-dar u kellha bżonn il-punti u nżammet l-isptar; imbagħad bdiet tara tikek suwed. Reġgħet waqgħet xi xhur wara, u kull darba kienet iddur fuqu biex jagħmlilha dak li hemm bżonn.

- Minħabba t-tikek suwed li kienet tara beda jakkompanja z-zija l-isptar, l-ophthalmic outpatients. Kien joħodha bit-trasport tiegħu u jieħu l-*leave* u joqgħod magħha sakemm tlesti. Qal li kull meta kien imur magħha kienu jdumu – b'kollox xi tlett sigħat. Ta' dan kienet ittih €10 u jikkummenta li ma kienx imħallas sew.

- F'Mejju 2007 iz-ziju kien ħassu ħażin fil-Katidral u kellu *relapse* tad-depressjoni u fuq talba taz-zija kien jittawwallu kuljum. Għal nofs l-2007 qal li żviluppa ferita f'waħda mill-għekiesi ta' saqajh li kienet fonda u infettata. Qal li dam iktar minn sena jimmedikahielu.

- Qal li fl-2008 iz-zija kienet qaltlu li kienet ser tagħmel testment u tħallilu Lm10,000 biex igibilha l-mediċini – enfasizza li dak iż-żmien kienet għadha ma kisritx il-pelvis u z-ziju kien semi-indipendenti.

- Qal ukoll li kien jagħti liz-zijiet it-tilqima tal-influwenza kull sena. Qal li kienu jinsistu li jagħtihielhom hu u mhux in-*nurse* tal-Kunsill. Spjega li kien idum jistenna fil-*queue* taċ-ċentru tas-saħħa sabiex jiġbor it-tilqima, ġieli anke sigħat. **Ta' dan kienu jħallsuh €10. Jikkummenta li ma kienx imħallas.**

- Spjega li z-ziju kien ibati minn konstipazzjoni kronika u flok ma kien joqgħod fuq li jgħidulu t-tobba u jiekol il-ħaxix, kien jiekol ħafna ross u għaġin u għalhekk huwa kien ikollu jintervjeni spiss u jagħtih lavattivi u suppositorji u anke jagħmillu *manual evacuations* fir-*rectum.* Qal li b'hekk kien jevitalu li jidħol l-isptar. **Qal li f'okkażjoni minnhom iz-zija tatu €10 li huwa ma jqisux bħala xieraq.**

- Qal li fl-2009 iz-ziju tah karozza. Din kienet Vauxhall Astra tal-1983 li ma kinitx fi stat tajjeb mhux biss għaliex antika imma wkoll għaliex kienet involuta f'żewġ inċidenti. Qal li spiċċa għamlilha iktar spejjeż milli kienet tiswa.

- Qal li f'Ottubru 2009 iz-ziju kien iddaħħal l-isptar u tant kien konfuż li tpoġġa taħt *constant watch*.

- Qal li fl-4 ta' Marzu 2010 ħa liz-zija Mater Dei biex isirilha *laringoscopy.* Spjega li damu ġurnata sħiħa u tatu biss €20, li bihom kellu jħallas in-noll tal-vapur u l-fuel tal-vettura tiegħu minn Għawdex għal Malta.

- Imbagħad fit-18 ta' Marzu 2010 reġgħet waqgħet it-taraġ tad-dar

u kisret il-pelvis. Kellha allura tinżamm l-isptar. Qal li wara li ntbagħtet id-dar ħa ħsieb jirranġalha kamra tas-sodda isfel u pprovdielha *walking frame* u *commode.*

- F'April 2010 iz-ziju kellu uġiegħ qawwi fl-i*scrotum* u ġablu l-kirurgu d-dar biex jarah. Kellhom jeħduh l-isptar, u spiċċaw neħħewlu testikola. Huwa kien jieħu ħsiebu fuq struzzjonijiet tas-*surgeon* u anke qatagħlu l-punti hu stess.

- **Qal li meta konna għadna bil-lira Maltija z-zijiet ġieli tawh Lm10 fil-ġimgħa, imma meta Malta qalbet għall-ewro bdew ituh €10, cioe` inqas min-nofs ta' dak li kienu jtuħ qabel.**

- Qal li fi Frar 2012 iz-ziju reġa' ddaħħal l-isptar u kemm dam hemm żviluppa ferita f'għarqubu li kienet fonda sew u dam ftit iktar minn sitt xhur jimmedikahielu. **Qal li f'dak iż-żmien kien *bedridden* u bid-*dementia.*** Enfasizza li kull darba li kien jidħol l-isptar għall-kura kien jispiċċa jqatta' xi erba' sigħat miegħu jsegwi l-proċeduri kollha li kienu jsirulu qabel ma jiddaħħal fil-ward.

- Qal li f'Novembru 2012 iz-zija għaddietlu €1,000. Ippreċiża li għalkemm ħadhom "***jiena qatt ma qisthom li kienu ħlas tax-***

***xogħol kollu li kont għamilt sa dakinhar".***

- Kompla jgħid li fi Frar 2013 iz-ziju reġa' ddaħħal l-isptar u reġa' żviluppa <u>żewġ feriti f'kull għarqub</u>: waħda fonda u l-oħra superfiċjali. Qal li dam jimmedikahielu għal bosta xhur.

- <u>Enfasizza li kien imur għand iz-zijiet filgħodu u filghaxija</u>. Spjega li z-ziju kellu bżonn min iqallbu u jbiddillu l-ħarqa. Qal li l-ħrieqi kien jiġborhomlu hu u applikalu biex joħodhom bi prezz sussidjat, u biex jagħmel hekk kellu jmur għand tabib u *social worker*. Qal li dam sitt xhur jitħabat biex fl-aħħar toħroġ il-*card* u jirnexxielu jixtrihom bi prezz sussidjat.

- Qal li fl-2013 meta z-ziju kellu jerġa' jidħol l-isptar iz-zija staqsietu biex jgħidilha kemm ried flus "*<u>għax hi kienet qed taħseb li ma kinux qegħdin iħallsuni biżżejjed tax-xogħol li kuljum kont nagħmel magħhom"</u>.* Qal li kien talabha biċċa raba' imma qaltlu aħjar flus. Għalhekk talabha €20 kuljum (peress li kien imur darbtejn kuljum). Meta qaltlu li ma kellhiex minn fejn tħallas talabha lira tad-deheb fix-xahar u qaltlu li ma kellhiex deheb. Għalhekk talabha biċċa raba' u offrietlu biċċa fi Triq Sarg, li pero` tinsab f'*green area* u ma kinitx tajba għall-bini. Għalhekk talabha nofs biċċa art li tinsab wara d-dar, iżda kienet biss disposta li ttih

terz billi tiktibhielu f'testment u ma riditx tgħaddihielu f'ħajjitha.

- Qal li meta ra li ma riditx tikkumpensah għax-xogħol li kien għamel magħha ma baqax imur u waqaf jagħti s-servizzi. Imbagħad beda l-proċeduri.

8. Barra dak kollu li qal fl-affidavit tiegħu l-attur ippreżenta numru ta' dokumenti[2] relatati max-xogħol u servizzi li kien jagħti liz-zijiet tiegħu, liema dokumenti jissostanzjaw il-verżjoni tiegħu fir-rigward.

**L-ewwel aggravju** – *interruzzjoni/rinunzja tal-preskrizzjoni:*

9. Fid-29 ta' Ottubru 2013 l-attur ippreżenta ittra uffiċjali 551/2013 fejn interpella liż-żewġ zijiet tiegħu sabiex bonarjament jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tas-serviġi reżi minnu. Huma ġew notifikati bl-ittra uffiċjali fit-8 ta' Novembru 2013, kif jidher mill-kopji tar-riferti a fol 7. Il-kawża imbagħad saret fis-7 ta' Frar 2014.

10. L-ewwel Qorti fir-rigward tal-pretensjonijiet tal-attur għall-ħlas għal serviġi minn Ottubru 2008 'il quddiem qieset li dawn ma kinux preskritti; fir-rigward tal-pretensjonijiet rigwardanti ħlas għal serviġi mogħtija qabel Ottubru 2008 iddikjarat li dawn invece huma preskritti bid-dekors tal-

---

[2] Dok NFI sa NFXXXIV, fol 165 et seq

ħames snin ai termini tal-Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Hija rriferiet għal meta kien hemm diskussjonijiet bejn l-attur u z-zijiet tiegħu għall-ħabta ta' Settembru 2013 dwar kumpens li ppretenda in linea ta' deheb jew raba', u qieset li mill-provi rriżultalha li tali diskors kien bil-għan li l-attur ikompli jagħti s-servizzi tiegħu 'l quddiem, u mhux biex jiġi kkumpensat b'lura. Għalhekk eskludiet li z-zijiet kienu qed jaċċettaw u jirrikonoxxu li kellhom jagħtuh kumpens b'lura (wisq anqas allura qabel l-2008).

11. L-attur appellant fl-ewwel aggravju tiegħu invece jargumenta li l-preskrizzjoni ġiet fil-fatt interrotta għaliex isostni li kien hemm rikonoxximent ċar u inekwivoku li kien jimmerita kumpens għas-servizzi tiegħu li jirrisalu għal qabel Ottubru 2008. Jirreferi għall-affidavit ta' Rita Azzopardi fejn xehdet li kienet ħallietlu legat ta' Lm10,000 (€23,000) – jispjega li dan kien tħalla f'Settembru 2008 meta ma kien hemm l-ebda proċeduri pendenti bejn il-partijiet u r-relazzjoni bejniethom kienet tajba. Jirreferi wkoll għat-testment li għamel il-Monsinjur fl-istess ġurnata, ċioe` fit-3 ta' Settembru 2008 fejn huwa wkoll ħallielu legat remuneratorju ta' Lm10,000 (€23,000) bħala kumpens. Isostni li l-mod ta' kif tħalla l-legat miż-żewġ testaturi jikkonferma kemm kienu qed jirrikonoxxu li kien dovut lilu kumpens għax-xogħol tiegħu[3]. Jargumenta wkoll li punt ieħor kruċjali

[3] Mit-testment tar-Rev. Mons. Giuseppe Azzopardi (għaliex it-testment ta' Rita Azzopardi li sar fl-istess jum, mhux in atti) jidher li kull wieħed innomina l-ieħor eredi tiegħu u li l-legat lill-attur u d-dispożizzjonijiet l-oħra japplikaw f'każ li t-testatur imut wara l-ieħor. Għalhekk permezz tat-testmenti relattivi tal-2008 effettivament ma kinux qed iħallu lill-attur Lm10,000 kull wieħed, iżda riedu biss jassiguraw li jieħu Lm10,000 bejniethom.

li wkoll iservi biex jinterrompi l-preskrizzjoni jew li jwassal biex tiġi rinunzjata l-preskrizzjoni li tkun diġa` ddekorriet, huwa l-fatt li kienu qed isiru ħlasijiet lilu. Ifakkar li anke f'Settembru 2013, qabel ma ttieħdu l-proċeduri legali kien hemm diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar x'kumpens kellu jingħata lilu u minn imkien ma ħareġ li tali diskussjonijiet kienu b'referenza għal serviġi li kellhom jingħataw minn dakinhar 'il quddiem.

12. Din il-Qorti tosserva li l-Monsinjur Giuseppi Azzopardi (li miet fl-eta` ta' 88 sena fis-26 ta' Ġunju 2014, ċioe` fil-mori tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti) għamel tliet testmenti[4], datati:

- 24 ta' Novembru 1970
- 3 ta' Settembru 2008 (kopja a fol 282)
- 30 ta' Ottubru 2013 (kopja a fol 149)

Tosserva wkoll li Rita Azzopardi, (li mietet fl-eta` ta' 95 sena fis-17 ta' Marzu 2019, cioe` wara li s-sentenza tal-ewwel Qorti ġiet appellata) għamlet erba' testmenti[5] datati:

- 6 ta' Novembru 1970
- 3 ta' Settembru 2008
- 30 ta' Ottubru 2013
- 12 ta' Jannar 2015 (kopja a fol 594)

[4] Vide riċerki tat-trasferimenti minn 01/01/1962 sa 23/07/2014 fol 201 et seq
[5] Vide riċerki tat-trasferimenti minn 01/01/1962 sa 23/07/2014 fol 246 et seq, u Ċertifikat tat-testmenti fol 587

13. Permezz tat-testment tiegħu tat-3 ta' Settembru 2008 il-Monsinjur Giuseppe Azzopardi istitwixxa bħala eredi universali tal-beni tiegħu lil Rita Azzopardi, u spjega permezz ta' diversi artikoli oħra kif ried li jiddisponi minn ġidu f'każ li l-istess Rita tmut qablu (inkluż fejn lill-attur ħallielu legat ta' Lm10,000 u istitwih bħala eredi universali flimkien ma' diversi familjari oħra). Il-parti dwar il-legat imħolli lill-attur tinsab fil-ħames artikolu:

> ***"B'dan illi, f' każ li Rita Azzopardi tmut qablu, it-testatur jiddisponi kif ġej:***
>
> *<u>Ir-raba' artikolu</u>:*
>
> *…omissis…*
>
> *<u>Il-ħames artikolu</u>:*
>
> *It-testatur iħalli dawn il-legati ta' flus:*
>
> *(1) tlieta u għoxrin elf mitejn u tlieta u disgħin Ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) pari għal għaxar t'elef lira Maltin (Lm10,000) lin-neputi tiegħu Nicholas Formosa, iben oħtu Carmen Formosa, bħala rikonoxximent talli huwa jġiblu l-mediċini li jkollu bżonn u anke xi kultant jikkurah;*
>
> *…omissis…."*

14. Għalkemm it-testment ta' Rita Azzopardi tat-3 ta' Settembru 2008 (ċioe` li sar fl-istess data bħal dak ta' ħuha) ma jidhirx fl-atti, hija fl-affidavit tagħha tas-6 ta' Novembru 2013 xehdet hekk:

> *"Jiena hawn taħt iffirmata, Rita Azzopardi…..kont għamilt testment li permezz tiegħu ħallejt legat ta' flus bl-ammont ta' €23,293.73 a favur in-neputi Nicholas Formosa, iben oħti Carmen Formosa. Dan il-legat kont ħallejtulu bħala rikonoxximent talli huwa kien iġib il-mediċini lil hija r-Reverendu Monsinjur Joseph Azzopardi u anke xi kultant jikkurah. Qatt ma ntrabatna li nħallsuh ta' dawn is-serviġi imma jien ħassejt li nħallilu dan il-legat ta' flus bil-kondizzjoni li jeħodhom biss jekk jagħmel skont kif mitlub fit-testment."*

15. Għalkemm fl-affidavit tagħha Rita Azzopardi tgħid li fit-testment tagħha kien hemm kundizzjoni li dawn jeħodhom biss jekk jagħmel skont kif mitlub fit-testment, ma ġiex ippreżentat it-testment tagħha u għalhekk din il-Qorti mhux se tqis tali verżjoni.

16. Sussegwentement saru testmenti oħra li annullaw dawk ta' qabilhom. F'Ottubru 2013, eżatt wara li nqala' d-diżgwid mal-attur f'Settembru 2013, iz-zijiet għamlu testment ġdid; imbagħad ftit xhur wara li miet il-Monsinjur Giuseppe Azzopardi, Rita Azzopardi għamlet l-aħħar testment tagħha f'Jannar 2015.

17. Skont l-aħħar testment tal-Monsinjur Giuseppe Azzopardi tat-30 ta' Ottubru 2013 wirtitu Rita Azzopardi għaliex kien innominaha bħala l-eredi universali tiegħu. (Id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha li għamel f'tali testment tal-2013 - *inter alia* fejn qassam diversi flus/proprjeta` b'legati, għalkemm xejn lill-attur, u fejn istitwixxa bħala l-eredi universali tiegħu diversi familjari, inkluż l-attur - ma kinux applikabbli ladarba miet qabel Rita Azzopardi).

18. Fl-aħħar testment ta' Rita Azzopardi (12 ta' Jannar 2015) hija wkoll ma ħalliet lill-attur l-ebda legat kif kienet għamlet fit-testment tal-2008. F' dan l-aħħar testment tagħha huma l-konvenuti kollha odjerni li ġew istitwiti

bħala l-eredi universali tagħha – inkluż l-attur Nicholas Formosa – għalkemm fid-disa' artikolu hija ordnat li biex l-istess Nicholas Formosa jibbenefika mill-wirt tagħha kellu jċedi l-kawża odjerna fi żmien xahar minn mewtha (ħaġa li m'għamilx):

> *"Jiġi dikjarat li preżentement hemm kawża pendenti kontra t-testatriċi istitwita minn Nicholas Formosa, iben oħtha Carmen Formosa. It-testatriċi trid u tordna li sabiex dan Nicholas Formosa jibbenefika mill-wirt tagħha huwa għandu sa mhux aktar minn xahar wara mewtha jirtira din il-kawża u jirtira wkoll kwalunkwe pretenzjonijiet li għandu jew jista' jkollu fir-rigward tas-serviġi, kuri u assistenzi reżi lit-testatriċi u/jew lil ħuha l-Wisq Reverendu Monsinjur Joseph Azzopardi."*

19. Issa kwantu għall-argument tal-attur li t-testmenti tal-2008 jikkonsistu f'rikonoxximent ċar u inekwivoku li kien jimmerita kumpens għas-servizzi mogħtija minnu qabel Ottubru 2008, din il-Qorti hija tal-fehma li d-dikjarazzjonijiet fiż-żewġ testmenti iktar jikkonsistu f'"rikonoxximent" fis-sens ta' apprezzament għal dak li l-attur kien qed jagħmel ma' zijuh, milli f'"rikonoxximent" fis-sens ta' dikjarazzjoni ta' obbligazzjoni li għandhom jagħtuh xi flus.

20. L-attur jargumenta wkoll li f'Settembru 2013, meta kien hemm diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar x'kumpens kellu jingħata, minn imkien ma ħareġ li tali diskussjonijiet kienu b'referenza għal serviġi li kellhom jingħataw minn dakinhar 'il quddiem iżda kienu intiżi ukoll biex ikopru serviġi li diġa` kienu reżi. Fil-fatt jirriżulta li fl-istadju meta saru d-diskussjonijiet dawn ma kinux diretti lejn serviġi futuri biss, iżda saru wkoll b'referenza għax-xogħol li kien qed jagħmel u li kien ilu jagħmel, u li għalih

ma kienx qed iħossu kkumpensat adegwatament. Madanakollu ma jirriżultax li fid-diskussjonijiet kien hemm referenza speċifika għas-serviġi li ngħataw qabel Ottubru 2008 sabiex ikun jista' jitqies li hemm xi rinunzja tal-preskrizzjoni fir-rigward.

21. Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti in kwantu din l-azzjoni hija għal ħlas ta' serviġi mogħtija qabel Ottubru 2008, tali azzjoni hija preskritta.

**It-tieni aggravju** - *l-apprezzament tal-provi:*

22. L-ewwel Qorti rriżultalha li sa Settembru 2013 l-attur kien kuntent b'dak li kien irċieva għas-servizzi li kien jagħti u li d-diskussjonijiet li saru bejnu u bejn iz-zijiet f'dak iż-żmien kienu jirriġwardaw ħlas għal servizzi futuri u mhux kumpens għal dak li kien diġa` għamel. Irriżultalha li x-xogħol li kien jagħmel, bħal dak li jiġbor il-pilloli, jagħti tilqim ta' influenza, jiċċekja l-pressjoni u z-zokkor, jieħu ħsieb xi inkartamenti u viżiti mediċi ma tantx kien wieħed ta' strapazz, u qieset li ta' dawn kien jitħallas bis-somma ta' €10 kull ġimgħa. Kwantu għall-kura li kien jagħti lill-konvenut (u mhux lill-konvenuta), ċioe` fejn kien jaħslu, jbiddillu l-ħarqa darbtejn kuljum, idewwieħ eċċ, xogħol ta' iktar strapazz, ikkummentat li twil kemm kien twil tali perjodu, kien jitħallas mill-inqas €10 fil-ġimgħa u kien in oltre jitħallas €10 meta jagħti xi servizz ieħor bħal li jieħu l-pressjoni jew jagħmel xi lavattiv. Hija kkonkludiet li l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti kienu

fondati għaliex irriżultalha li l-attur kien ġie debitament imħallas u kien kuntent b'dak li tħallas; konsegwentement ċaħdet it-talbiet tiegħu.

23. L-attur appellant fit-tieni aggravju tiegħu jilmenta mhux ftit mill-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti fil-mertu, li wassluha biex tiċħad it-talbiet tiegħu. Huwa jaqsam l-ilmenti tiegħu f'tliet partijiet:

*(i)* *<u>Ir-"rinunzja" għall-ħlas tas-serviġi</u>*

Jaċċenna għal dik il-parti tax-xiehda tiegħu in kontro-eżami fejn qal "*Dak iż-żmien la kelli l-ebda ħsieb u lanqas l-ebda pretenzjonijiet"* u jilmenta għall-fatt li abbażi ta' tali dikjarazzjoni l-ewwel Qorti kkonkludiet li kien irrinunzja għal ħlasijiet ulterjuri. Jilmenta pero` li din id-dikjarazzjoni ġiet ikkwotata barra mill-kuntest tal-kontro-eżami. Jargumenta li ma jirriżultax mill-kontro-eżami tiegħu li kien irrinunzja għal xi ħlas ulterjuri jew li kien sodisfatt b'dak li kien irċieva sa dakinhar.

*(ii)* *<u>l-allegazzjoni li l-ħlas li ngħata kien adegwat u li jkopri s-servizzi mogħtija</u>*

Jilmenta li l-ewwel Qorti qieset b'mod leġġer ħafna l-entita` tax-xogħol u servizzi li kien qed jagħti lill-konvenuti. Jispjega fid-dettall x'kien jinvolvi x-xogħol tiegħu, kemm barra d-dar (bħal meta jirranġa għall-appuntamenti mediċi, jiġbor il-pilloli

u ħrieqi, iġib apparat, jieħu ħsieb it-trasport għall-visti mediċi, konsulti mat-tobba eċċ) u kemm fid-dar (hawnhekk ifakkar li huwa infermier kwalifikat u li kien jagħmel xogħol li jirrikjedi kura u paċenzja kbira u speċjalizzata (bħal meta kien ibiddel il-ħrieqi liz-ziju l-qassis, jagħmillu s-suppositorji u anke jagħmel *manual evacuations* tar-rectum, xogħol li jgħid li ma kien xejn pjaċevoli). Jilmenta li kien jingħata €10 fil-ġimgħa kemm meta kien imur darba kuljum u anke meta kien imur darbtejn kuljum. Jargumenta li l-legat ta' Lm10,000 li z-zijiet ħallewlu fit-testmenti tal-2008 (meta z-ziju kien għadu mhux *bedridden)* huma konferma ta' kemm kien ħaqqu kumpens sa dak iż-żmien. Ifakkar li ma kien hemm l-ebda kwalifika fit-testment li biex jieħu tali ammont kellu jkompli jagħti s-servizz tiegħu sal-mewt.

*(iii)* *<u>serviġi fil-konfront ta' Rita Azzopardi</u>*

Finalment jilmenta bil-fatt li l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma hemmx lok li jitħallsu xi serviġi mill-konvenuta Rita Azzopardi. Għalkemm l-attur ma jikkontestax li s-serviġi reżi lilha ma kinux tal-istess entita` tas-serviġi reżi liz-ziju l-Monsinjur, jargumenta li anke lilha kien jgħinha regolarment fejn jidħlu l-bżonnijiet mediċi tagħha. Jargumenta li

għalkemm il-ġbir tal-pilloli tat-tnejn seta' jsir fl-istess ħin, l-appuntamenti mediċi kienu jkunu fi ġranet u ħinijiet differenti.

24. Mill-provi jirriżulta li ż-żewġt aħwa Rita Azzopardi u l-Monsinjur Giuseppe Azzopardi kienu tassew isibu lin-neputi tagħhom għall-bżonnijiet mediċi tagħhom, għalkemm kif jgħid l-attur appellant stess, is-serviġi reżi liz-ziju kienu ta' entita` ferm akbar, speċjalment meta spiċċa *bedridden*. Skont l-attur iz-ziju spiċċa *bedridden* xi sitt xhur wara li kien iddaħħal l-isptar fi Frar 2012, ċioe` xi Awwissu 2012, għalkemm kif osservat l-ewwel Qorti, it-tabib kuranti Dr Joseph Farrugia xehed li kien mit-8 ta' April 2013 li intefa' fis-sodda. L-attur waqaf imur għand iz-zijiet f'Settembru 2013. Għalhekk din il-Qorti tqis li l-attur għamel madwar sitt xhur idur bih waqt li kien *bedridden.* Wieħed pero` jrid iqis ukoll li qabel ma l-Monsinjur intefa' kompletament *bedridden* huwa diġa` kien ferm batut, tant li kif xehed it-tabib, kellu l-artal fil-kamra tas-sodda, u għalhekk ċertament li anke qabel ma spiċċa *bedridden* kellu bżonn għajnuna sostanzjali da parti tal-attur. Issa kif kulħadd jaf il-kura ta' persuni li jkunu *bedridden* tinvolvi xogħol li mhux kulħadd lest jagħmlu, u ovvjament il-Monsinjur kien qed jibbenefika sew mill-fatt li n-neputi tiegħu kien infermier li mhux biss kien jaf eżatt kif kellu jieħu ħsiebu, iżda kien ukoll dispost li jieħu ħsiebu, u għalhekk ma kellux għalfejn iqabbad nies barranin għal dan il-għan.

25. Tul is-snin li l-attur irrenda s-serviġi liz-zijiet ma jistax jingħad li ma kienx jitħallas iżda l-attur evidentement ma kienx iħoss li kien imħallas adegwatament. Fil-kontro-eżami tiegħu u in risposta għax-xiehda taz-zija tiegħu fejn qalet li kienet tħallsu ta' kull darba li kien jagħmlilhom xi ħaġa wieġeb "*Mhux kull darba imma, mhux kull darba"*. Mistoqsi kemm-il darba tħallas mingħand iz-zijiet, wieġeb "*Meta jiftakru….Kont nistenna li jiftakru huma. Ma kontx noqgħod infakkarhom*." spjega li *"Għaxar ewro (€10) kienu jagħtuhieli darba kull għaxart ijiem jew kull tmint ijiem".*

26. Għall-ħabta ta' Settembru 2013 kien hemm diskussjonijiet maz-zijiet tiegħu fir-rigward tal-ħlas. Kontro-eżaminat qal li darba minnhom iz-zija Rita kienet qaltlu li z-ziju "*kien qed jgħid li m'aħniex inħallsuh biżżejjed tax-xogħol li qed nagħmel magħhom u riedet tkun taf kemm qed nippretendi*." Għalkemm huwa minnu li qal *"Dak iż-żmien la kelli l-ebda ħsieb u lanqas l-ebda pretensjonijiet",* frażi li l-ewwel Qorti rriferiet għaliha aktar minn darba, joħroġ ċar mill-istess kontro-eżami li fil-fatt kien ilu jħoss li ma kienx qed jitħallas adegwatament u li ried li jiġi kkumpensat sew tax-xogħol li kien qed jagħmel magħhom. Fil-fatt fl-istess kontro-eżami enfasizza li ma kienx jitħallas €10 kull darba li jmur; qal ukoll li €10 li kien jieħu <u>ma kinux ħlas</u>. Ippretenda iktar flus – fil-fatt ippretenda €20 kuljum u qal li z-zija Rita kienet qaltu li ma kellhiex flus u għalhekk talabha lira tad-deheb kull xahar u qaltu li ma kellhiex liri tad-deheb. Hija offrietlu biċċa art iżda hi u ħuha l-Monsinjur ma ridux jagħtuhielu b'donazzjoni kif

ippretenda hu, iżda kienu lesti biss li jeħodha wara mewthom, ċioe` li jiktbuhielu. Fl-affidavit tiegħu, qal li:

> *"Meta rajt li z-zija ma riditx tikkumpensani għax xogħol li **kont** għamilt magħha u maz-ziju jiena ma bqajtx immur għandhom u waqaft nagħti s-servizzi tiegħi*". (sottolinear ta' din il-qorti)

27. Evidentement ma ħassux apprezzat biżżejjed għas-servizzi li kien irrendielhom u li kien għadu qiegħed jirrendilhom, u dan anke tenut kont tal-fatt li kien jaf li z-zijiet ma kinux batuti finanzjarjament. Fl-affidavit tiegħu fil-fatt enfasizza li kellhom il-ġid: semma li apparti l-post fejn joqogħdu u l-għalqa, kellhom tliet postijiet oħra; aċċenna wkoll għall-fatt li fit-testment kien adirittura ħalla kwart ta' miljun ewro għall-funeral tiegħu u għall-quddies għal ruħu. Ħarsa lejn it-testmenti varji taż-żewġ zijiet turi li fil-fatt kellhom il-ġid.

28. Il-konvenuta Rita Azzopardi fl-affidavit tagħha b'referenza għall-Lm10,000 li kienu ħallewlu fit-testmenti relattivi tagħhom qalet "*Dak tajnihulu fit-testment, imma kien f'moħħi li nkompli ngħinu għax aħna la kien hawn idur magħna…."* B'referenza għaż-żmien meta kien hemm diskussjonijiet mal-attur dwar ħlas (għall-ħabta ta' Settembru 2013) qalet li kienu aċċettaw li jagħtuh nofs l-art ta' wara d-dar iżda ma waslux, għaliex huwa riedha b'donazzjoni u huma ma ridux jagħtuha f'ħajjithom. Fil-kontro-eżami tagħha, mistoqsija jekk qattx staqsietu x'għandu jieħu għaliex forsi ma kinux qed jagħtuh biżżejjed, ma nnegatx, anzi rrispondiet "*Għax jiena ġieli għidtlu hekk, 'ara int għax jiena ma nafx napprezza x-*

*xogħol tiegħek'".*

29. Din il-Qorti jidhrilha li dan it-tieni aggravju tal-attur appellant huwa fondat. Hija tal-konvinzjoni li l-ħlas li rċieva f'idejh ma kienx adegwat meta kkomparat mas-servizzi varji li rrenda tul is-snin. Tqis ukoll, kuntrarjament għal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, li l-attur ma kienx kuntent bil-kumpens li kien qed jingħata, anke jekk sa Settembru 2013 forsi ma kienx jipprotesta. Jidher li kien qed jieħu dak li jagħtuh iz-zijiet u ma jitkellimx ghalkemm jidher li hu qed jippretendi aktar. Tul is-snin is-serviġi dejjem saru iktar skabrużi u għalhekk iktar kien iħossu mhux apprezzat u kkumpensat adegwatament. Wieħed irid japprezza wkoll li tali kura tinvolvi mhux biss rabta iżda dedikazzjoni kbira. In oltre l-Monsinjur kellu l-benefiċċju li l-attur kien infermier u għalhekk kien tal-mestjier. Ma jistax jiġi nnegat li l-miżata ta' persuna li tagħmel ix-xogħol li għamel l-attur, partikolarment matul iż-żmien li l-Monsinjur kien *bedridden*, ċertament li kienet tkun waħda konsiderevoli.

30. Fl-eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti semmew li kienu jagħtu flus lill-attur talli jmur iġib il-ħrieqi u l-mediċini, u talli f'xi okkażjonijiet wassal lill-konvenuta l-isptar; isemmu wkoll li tawh il-karozza (li rriżulta li fil-fatt hija waħda antika) u anke €1,000; u jsemmu wkoll li għas-serviġi li rrenda lill-Monsinjur meta kien *bedridden* "*diġa` ġie kkumpensat iktar milli b'mod ġust".* Madanakollu s-serviġi li jsemmi l-attur fl-affidavit tiegħu huma ferm

iktar minn hekk u l-kumpens li ħa tul is-snin fil-fehma ta' din il-Qorti seta' kien iktar adegwat. Fil-fatt f'dak l-istadju tant iz-zijiet tal-attur għarrfu li ma kienx imħallas sew għal dak li għamel u kien qed jagħmel li kienu anke disposti jagħtuh biċċa art – biss riedu jagħtuhielu b'testment u mhux f'ħajjtihom.

31. Il-konvenuta appellata fir-risposta tal-appell tagħha tenfasizza li ladarba sar ħlas allura l-obbligazzjoni tiġi estinta, u ma hemm l-ebda possibilita` ta' novazzjoni għall-istess obbligazzjoni. Tkompli tgħid li hawn *non si tratta* ta' xogħol li ma tħallasx għalih imma xogħol li l-attur jippretendi li jerġa' jitħallas mill-ġdid tiegħu b'raba' fabbrikabbli jew b'valur li jitlob li jiġi likwidat permezz ta' dawn il-proċeduri.

32. Għalkemm huwa validu dan l-argument, dan ma kienx il-każ fejn l-attur kien talab liz-zijiet €10 fil-ġimgħa imbagħad reġa' bdielu, iżda kien każ fejn kien jieħu dak li jfettlilhom ituh u ma kienx jitkellem minkejja li ma kienx iħossu adegwatament imħallas; tul iż-żmien ix-xogħol iktar żdied u allura aktar u aktar ħassu mhux imħallas. Kif ingħad, fid-diskussjonijiet li saru f'Settembru 2013 iz-zijiet effettivament għarfu li l-attur ma kienx imħallas biżżejjed: evidenza ta' dan kien il-fatt li kienu disposti jħallulu wkoll biċċa art (għalkemm mhux b'kuntratt ta' donazzjoni kif ried hu), u huwa evidenti wkoll li dan ma kienx biss biex ikopri servizzi futuri (kif fehmet l-ewwel Qorti) imma biex jagħmel tajjeb ukoll għal servizzi passati

li ma kinux apprezzati sew, tant li l-istess Rita Azzopardi ammettiet fil-kontro-eżami tagħha li ma kinitx taf tapprezza x-xogħol tiegħu. Wieħed irid iqis ukoll li għalkemm il-legat ta' Lm10,000 li kienu ħallewlu fl-2008 bħala ġest ta' apprezzament għax-xogħol li kien għamel sa dak iż-żmien kien fil-fatt ikopri ampjament il-valur tas-servizzi li kompla jirrendi tul is-snin, ma kellu xejn garantit, għaliex kif jaf kulħadd, testment jista' dejjem jiġi mibdul, kif fil-fatt ġara meta nqala' d-diżgwid.

33. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti tqis li t-talbiet tal-attur huma ġustifikati u fid-dawl tas-suespost qegħda tillikwida *arbitrio boni viri* l-kumpens mitlub minnu fl-ammont ta' **<u>€10,000</u>** liema ammont jirrappreżenta serviġi reżi lill-Monsinjur Ġużepp Azzopardi minn Ottubru 2008 'il quddiem u li għalihom l-attur ma kienx adegwatament ikkumpensat. Biex waslet għal dan l-ammont din il-Qorti qieset illi:

- Fix-xhur meta l-Monsinjur kien *bedridden* is-servizzi reżi mill-attur kienu ferm iktar intensivi minn qabel;

- Fost id-diversi servizzi li l-attur irrenda lill-Monsinjur qabel ma huwa spiċċa *bedridden,* kien hemm servizzi li kienu pjuttost skabrużi, bħal per eżempju *rectal evacuations*, jew qtugħ ta' ponti u kura relatata mal-operazzjoni tat-tneħħija tat-testikola);

- Iz-zijiet kienu tawh €1,000 u karozza antika (Vauxhall Astra, 1983); kienu wkoll jagħtuh xi flus, iżda mhux kull darba li jirrendi servizz, u l-ammont ma kienx ikun dejjem wieħed adegwat (*vide* affidavit tal-attur);

- Is-servizzi li l-attur irrenda liz-zija Rita Azzopardi kienu minimi u b'dak li tħallas tul is-snin għandu jitqies li kienu koperti;

- Għalkemm il-konvenut huwa qarib, u allura l-kumpens likwidat ikun inqas milli kieku x-xogħol ikun qed isir minn persuna barranija, min-naħa l-oħra jirriżulta li z-zijiet kellhom il-ġid[6] u għalhekk altru milli kellhom il-mezzi sabiex jikkumpensawh adegwatament tas-servizzi li rrenda.

**DECIDE**

34. Għal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' <u>limitatament</u> l-appell tal-attur, u għalhekk qegħda tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn intlaqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili; u tħassarha fil-kumplament, u konsegwentement:

[6] Fil-fatt għalkemm meta fl-2013 l-attur talabha iktar flus qaltlu li ma kelliex flus, fit-testment tagħha tal-2015 fost id-dispożizzjonijiet li għamlet, ħalliet kwart ta' miljun ewro (Lm100,000) biex isirilha "*funeral u difna xierqa"* u l-bqija għal quddies.

(1) Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara li l-attur irrenda serviġi, kuri u assistenzi lill-konvenut il-Monsinjur Ġużepp Azzopardi li għalihom ma ġiex ikkumpensat adegwatament;

(2) Tilqa' t-tieni talba u *arbitrio boni viri* tillikwida l-kumpens dovut lilu fl-ammont ta' **għaxart elef ewro (€10,000)**;

(3) Tikkundanna lill-konvenuti (bħala werrieta tal-konvenuta Rita Azzopardi, li hija werrieta tal-konvenut Monsinjur Ġużepp Azzopardi) sabiex iħallsu lill-attur is-somma ta' **għaxart elef ewro (€10,000)** skont il-kwoti deskritti fl-aħħar testment ta' Rita Azzopardi tat-12 ta' Jannar 2015, u ċioe`:

**Terz indiviż ($^1/_3$)**: **Tlett elef, tlett mija u tlieta u tletin ewro (€3,333**) ulied il-mejjet ħuha Michael Azzopardi[7] (Verina Spiteri, Josephine Spiteri, Michael Azzopardi, Mario Azzopardi u Rita Azzopardi)

**Terz indiviż ($^1/_3$)**: **Tlett elef, tlett mija u tlieta u tletin ewro (€3,333**) ulied il-mejta oħtha Carmen Formosa (Miriam Grima, Joseph Formosa, Victor Formosa, Gregory Formosa,

[7] Dan miet wara li għamlet it-testment

Manuel Formosa, Michael Formosa u Saverio Formosa);

**<u>Terz indiviż ($^1/_3$)</u>**: **Tlett elef, tlett mija u tlieta u tletin ewro (€3,333**) ulied il-mejta oħtha Giuseppa Gauci (Rita Gauci, Vitorina Gauci, Agnes Gauci, Carmen Gauci, Antoinette Galea, Gregory Gauci - li miet u wirtuħ uliedu Gregory u Marie Louise Rapa - u Paul Gauci).

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuti (ħlief għall-istess Nicholas Formosa) skont il-kwoti fuq imsemmija.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr